**169. L-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Robert Cutajar jipproponu**:

Billi fl-20 ta' Settembru 2018 il-Ministru għall-Ambjent ippubblika l-Avviż Legali 296 tal-2018 imsejjaħ "*Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi*";

Billi dawn ir-Regolamenti suppost huma intiżi biex jirregolaw ir-rimi u t-tneħħija ta' skart mit-toroq u postijiet pubbliċi u allura suppost kellhom jelenkaw il-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex bil-ħinijiet rispettivi ta' ġbir minn kull lokalità;

Billi l-iskop wara dawn ir-Regolamenti huwa tajjeb u ta' importanza vitali għax huwa l-ġebla tax-xewka għall-istrateġija nazzjonali ta' ġbir u eventwali separazzjoni tal-iskart, tant li l-Ministru għall-Ambjent qed idaħħal multi għoljin ħafna f'dawn ir-Regolamenti, liema impożizzjoni ta' multi għandha tassumi promulgazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti li tkun serja, kompluta u raġjonevoli;

Billi dan l-Avviż Legali, b'turija ta' inkompetenza grassa u traskuraġni kbira da parti tal-Ministru għall-Ambjent, ħalla barra il-ħinijiet tal-ġbir tal-borża l-bajda (skart organiku) tal-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali f'Malta u għalhekk iġib fix-xejn l-iskop wara dawn ir-Regolamenti u ser joħloq problemi kbar għall-ħafna Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex;

Billi dan l-Avviż Legali 296 tal-2018 fih diversi nuqqasijiet oħra, fosthom li ma jipprovdix għal sistema ta' ġbir tal-ħġieġ b'mod kollettiv u armonizzat li tinkludi l-Kunsilli Lokali kollha, iżda tħalli barra numru minnhom, huwa vag dwar liema skart għandu jkun fil-borża s-sewda, ma jipprovdix għal definizzjoni ta' x'inhu "ħġieġ", fost oħrajn, nuqqasijiet li ser iġibu kumplikazzjonijiet u inkonvenjenti kbar għar-residenti affetwati;

Billi l-Ministru għall-Ambjent iddikjara li dawn ir-Regolamenti jridu jibdew ikunu infurzati, u allura jiskattaw il-multi u taxxi elevati li qed jintroduċi, wara li falla fl-edukazzjoni, mill-1 ta' Novembru 2018;

Billi jekk dan l-Avviż Legali ser jiġi implimentat kif inhu, mifni b'nuqqasijiet frott it-traskuraġni u l-inkompetenza u n-nuqqas ta' konsultazzjoini mal-Kunsilli Lokali da parti tal-Ministru għall-Ambjent, ma jiġiex jiswa tebaq fwiedu u ser iġib babilonja u konfużjoni fost diversi Kunsilli Lokali bi ħsara kbira fuq eluf kbar ta' residenti u allura fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom;

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq premessi u għal dawk li ser jiġu esposti matul id-dibattitu fil-Kamra, din il-Kamra tirrisolvi li tħassar, tirrevoka, u tannulla dan l-Avviż Legali u tordna lill-Ministru ġħall-Ambjent jimbarka fuq proċess suret in-nies u konkret ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali u entitajiet kollha involuti u fuq kampanja effettiva u serja u professjonali ta' edukazzjoni u informazzjoni qabel ma jerġa' jippubblika mill-ġdid Regolamenti dwar dan is-suġġett.

02.10.2018